# ĠIEĦ IL-ĦAMRUN

**Għat-tieni darba minn kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun, ingħata l-premju ta' Ġieħ il-Ħamrun lil persuna deċiża minn kumitat ta' għażla wara li dan il-Kumitat ikun eżamina numru ta' nominazzjonijiet imressqa quddiemu mill-Ħamruniżi. Din is-sena ir-rebbieħ kien......**

# VICTOR TEDESCO



**VICTOR TEDESCO twieled l-Imsida nhar id-9 ta' April 1917. Ir-rabta tiegħu mal-Ħamrun ilha sa minn żgħożitu, eżattament sa minn dakinhar li ltaqa' mal-mara tiegħu Ġuża Debattista mill-Ħamrun. Meta żżewweġ ġie joqgħod il-Ħamrun u kien hawn il-Ħamrun li tweldulu l-ħames uliedu.**

Għad li Victor Tedesco ħadem ħafna fis-snin imgħoddija fil-qasam tal-palk kemm bħala kittieb u kemm bħala attur, żgur li ismu huwa marbut ħaġa waħda mal-logħba tal-futbol. Wara karriera bħala plejer u mbagħad amministratur f'diversi klabbs, fl-1979, laqa' t-talba li saritlu minn għadd ta' Ħamruniżi u daħal fil-klabb tal-Ħamrun Spartans bħala President. Assuma ukoll il-kariga ta' Team Manager li kienet idea ġdida fi gżiritna.

Mill-ewwel beda ħidma flimkien mal-Kumitati li servew miegħu biex jinbena tim Ħamruniż b'saħħtu u wara 36 sena ta' astinenza, il-Ħamrun daq l-ewwel unur taħt it-tmexxija tiegħu meta l-Ħamrun Spartans rebħu l-kampjonat fl-1983. Fl-istess sena intrebħet għall-ewwel darba l-F.A. Trophy. Il-Ħamrun xegħel ħuġġieġa u dak kien il-bidu ta' perjodu mill-isbaħ ta' supremazija mill-Ħamrun Spartans li dejjem taħt it-tmexxija tiegħu rebħu xejn anqas minn 22 unur imqassma f'4 kampjonati, 6 Trophies, 6 Super Cups, 5 Euro Cups u darba s-Super Five Tournament.

Matul l-istess perjodu it-tim Ħamruniż irnexxielu jġib riżultati mill-isbaħ f'kompetizzjonijiet Ewropej, fejn kien l-ewwel tim Malti li rebaħ Home u Away biex għadda għal round ieħor. Min qatt jista' jinsa l-logħbiet kontra Ballymena, Everton, Notts Forest, u tant timijiet oħrajn ta' fama kbira.

Fl-1996, Victor Tedesco, ra ħolma kbira tiegħu titwettaq meta kien inawgurat il-Kumpless Sportiv u l-istadium ġewwa l-Ħamrun li l-Laqgħa Ġenerali tal-Ħamrun Spartans qablet unanimament li għandu jissemma' għalih.

Huwa rtira mix-xena tal-futbol fl-1998 iżda żgur li ismu ser jibqa' marbut ma' l-isbaħ perjodu fl-istorja tal-futbol Ħamruniż u żgur ukoll li qalbu għadha kollha kemm hi tgħum fl-ilwien Ħamruniżi, ħomor u suwed, il-kuluri li tant ħadem biex jarahom ikunu rispettati u fil-quċċata. Victor Tedesco huwa Membru Onorarju tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu.

Il-preżentazzjoni ta' l-unur ta' Ġieħ il-Ħamrun lis-sur Tedesco saret mis-Sindku tal-Ħamrun nhar is-27 ta' Mejju meta kien iċċelebrat Jum il-Ħamrun.